MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 44

It-Tnejn, 5 ta' Frar, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI

Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

44.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsillier JBO u l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ MMC ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

44.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

44.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

44.2.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

44.2.2. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.3 li tirrigwarda l-*Bollards* quddiem Triq iż-Żejtun, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex tweġiba. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

44.2.3. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.7 li tirrigwarda pjan ta użu tad-Depot 31 ta' Marzu, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex tweġiba. Huwa kien infurmat fin-negattiv, u li għadu prematur li tali informazzjoni tiġi mogħtija.

44.2.4. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.9 li tirrigwarda laqgħa rigward it-Trasport Pubbliku ma' Transport Malta. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.

44.2.5. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.13 li tirrigwarda parkeġġ ta' quddiem il-piċċ tal-waterpolo, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li saret laqgħa mal-operatur, fejn qed jikkunsidra li jagħmel il-proġett kollu, u ser jaħdem fuq stimi min-naħa tiegħu.

44.2.6. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.15 li tirrigwarda stimi tat-toroq u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li saret laqgħa mal-perit u ġew diskussi żewġ toroq.

44.2.7. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.16 li titratta miljorament f'Bengħisa sabiex tiġi eliminata l-problema ta' skart mormi illegalment f'Bengħisa. Huwa kien infurmat li kemm ilu li beda jingħata l-asfalt taż-żona, diġa hemm differenza. Iktar miljorjament għandu jiġi studjat max-xogħol.

44.2.8. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.18 li tirrigwarda laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Gwidi, u insegwitu, għall-korrispondenza riċevuta. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex jgħolli il-livell ta' Birżebbuġa, u sussegwentament jattira iktar investiment.

44.2.9. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.21 li tirrigwarda disinn tal-Pjazza. Huwa informa li insegwitu tal-laqgħa li saret ma' Transport Malta, ser ikun qed jiġi propost disinn differenti mill-GHRC, liema disinn għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni

44.2.10. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.22 li tirrigwarda l-*commitment letters* tal-fondi għall-bandli inklussiv u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex tali korrispondenza. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

44.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.23 li tirrigwarda l-Applikazzjoni għal xelter tal-klieb u staqsa jekk il-permess ħariġx, minħabba li diġa' bdew ix-xogħlijiet. Huwa kien infurmat fin-negattiv, u għaldaqstant ser tinġibed l-attenzjoni ta dan ir-rapport.

44.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.2.24 li tirrigwarda asfaltar ta' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, u staqsa jekk it-talba intbagħtitx. Huwa kien infurmat li it-talba intabagħtet, iżda nelfrattemp, diġa' beda jsir l-asfaltar u hemm parti sostanzjali lesta.

44.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.3.1 li tirrigwarda l-parti ta' fuq ta' Triq San Ġużepp sabiex tiġi direzzjoni waħda bħal kumplament tat-triq u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Id-disinn ġie imressaq u l-Kunsill approva.

44.2.14. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.4.3 li tirrigwarda bdil ta' globi ta' Ġnien l-Indipendenza. Il-Kunsill kien infurmat bil-kwotazzjoni riċevuta, u approva li jsir ix-xogħol ta' bdil ta' globi.

44.2.15. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.3.17 li tirrigwarda talba lill-LESA għat-twaħħil ta' kamera fi Triq il-Fossili u staqsa jekk it-talba ġietx proċessata. Huwa kien infurmat fil-pożittiv.

44.2.16. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.4.18 li tirrigwarda proġett ta' Triq San Ġorġ sabiex tittaffa l-problema tal-ilma baħar. Huwa qal li għanda tkun inkorporata max-xogħol li ser ikun qed isir ta' riġenerazzjoni.

44.2.17. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.7.3 li tirrigwarda l-każ ta' Alan Attard. Huwa kien infurmat li qed isir xogħol fuq il-każ.

44.2.18. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 43.13 li tirrigwarda t-talba tas-Sur Schembri għal ħlas. Huwa kien imfakkar li din il-materja issa qegħda f'idejn l-Avukat tal-Kunsill.

44.2.19. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal materja 43.2.9 li titratta t-trasport pubbliku, u rrimarkat diversi problemi u nuqqasijiet li qed ikun hemm. Il-Kunsillier SZ fakkar li qabel ma ssir il-laqgħa ma' Transport Malta il-Kunsill għandu jkun preparat bis-soluzzjonijiet , u jqis x'kienu l-intenzjonijiet tar-rotot. Is-Sindku fakkar ukoll li ċertu problema ma jistgħux jiġu indirizzata minħabba nuqqas ta xufiera. Il-Kunsill qabel

44.2.20. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 43.4.4 li titratta *zebra crossings*, u ressaq disinn li jindika is-siti l-ġodda għal dawk ta' Triq Birżebbuġa.

- L-ewwel waħda titressaq 'il fuq direzzjoni lejn il-knisja
- It-tieni waħda tinżel iktar viċin ta' Triq San Mikiel
- It-tielet waħda tinżel iktar l-isfel lejn Triq San Ġorġ

Il-Kunsill qabel unanimament li *z-zebra crossings* għandhom ikunu kif suġġerit u isiru *humped.*

44.2.21. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 43.4.5 li titratta dwar linji tat-triq fi Triq il-Port Ħieles u staqsa jekk dawn ġewx approvati. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

44.2.22. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 43.2.20 li tirrigwardja linji tat-triq u parkeġġi fi Triq F.M. Ferretti, kif ukoll għal kwotazzjoni riċevuta. Il-Kunsill qabel li dawn il-linji jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 44.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

44.3.1. Ma kienx hemm komunikazzjonijiet imressqa.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

44.4.1. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar l-istat ta' Triq il-Musbieħ u Triq il-Bżulija. Is-Sindku informa li saret spezzjoni mal-Perit tal-Kunsill f'dawn iż-żewġ toroq sabiex titħejja stima tal-ispejjeż involuti u sussegwentament il-Kunsill jiddeċiedi.

44.4.2. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar l-istat ta' Triq Swor Grace Theuma. Is-Sindku fakkar li din it-triq / żona qatt ma giet asfaltata, u għalhekk kienet saret talba lill-Transport Malta, li minn naħa tagħhom infurmaw li l-iżvilupp li sar ma jilħaqx il-kriterji neċessarji sabiex issir il-kostruzzjoni.

44.4.3. Il-Kunsillier SZ qal li rappreżentanti tal-V18, waqt laqgħa li kienet saret mal-Federazzjoni tal-Għaqdiet, kienu ssemmew l-intenzjoni li ssir ikla, u li tkun simultanjament f'Malta kollha. Is-Sindku informa li l-Kunsill ma semgħa xejn iktar fuq din l-attivita', u ma kienetx inkluża fil-programm li fassal il-V18 li ġie ippublikat riċentement .

44.4.4. Il-Kunsill SZ irrefera għall-attivita' li saret tal-V18 fejn kien hemm partecipi l-Kunsilli u l-V18 ipprovdew trasport, u staqsa lis-Sindku dwar iktar kkordinazzjoni mal-għaqdiet lokali meta jsiru l-attivitajiet. Is-Sindku qabel, iżda żied jgħid li trasport provdut ma kienx kompatibbli ma' dak li xtaqu r-residenti, u għalhekk kellhom isiru diversi arranġamenti.

44.4.5. Il-Viċi Sindku JB ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza minn Transport Malta fejn talbu li jitneħħa parkeġġ riservat ġaladarba l-applikanta kienet rikoverata San Vinċenz De Paul. Hu staqsa għala din għada ma tneħħitx, meta fil-lokalita' teżisti problema ta' parkeġġ. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li jingħata ħmistax ċans u jekk ma jkunx hemm żviluppi, din titneħħa.

## 44.5 Rapporti;

44.5.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

44.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

44.7.1. Is- Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 02/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

44.7.1.1. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward pagament 45. Huwa kien infurmat li dan ikopri xiri ta' sigar taż-Żebbuġ sabiex jitħawwlu minflok dawk li mietu fil-promenade, u li dawn ser ikunu rimborsati mill-MTA

44.7.1.2. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward pagament 58. Huwa kien infurat li dan ikopri parti mix-xiri ta' *Cold Asphalt* li intuza għal *patching* f'toroq varji, fosthom, Triq il-Fekruna, Triq il-Brolli, Triq tal-Ġebel, Triq tal-Papa, Trejqet il-Marniżi, u Triq tax-Xerriek.

44.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Viċi Sindku JB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

44.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Jannar 2018 bir-riferenza 01/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

44.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 44.8 Mozzjonijiet;

44.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 44.9 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

44.9.1. Il-Kunsill innota li hemm applikazzjoni għal Catcafe fi Triq San Ġorġ.

44.9.2. Il-Kunsill qabel li tinġieb iktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni, minħabba li possibilment tali żvilupp jista' jkun ta' inkonvenjent.

## 44.10 Applikazzjoni għal tpoġġija ta' kjosk;

44.10.1. Is-Sindku JC ressaq talba mis-Sur Vince McIntyre sabiex il-Kunsill jerġa' jikkunsidra t-talba tiegħu għal tpoġġija ta' kjosk temporanja bejn Mejju u Ottubru f'Wied il-Buni, kif talab fil-passat.

44.10.2. Il-Kunsillier AC irrimarka li ġaladarba l-Kunsill ma oġġezzjonax għall-kjosk fil-Bajja s-Sabiħa, m'għandux joġġezzjoni għal tali talba, suġġetta għal permessi l-oħra kollha neċessarji. Il-Kunsillieri JB, LAG, u JBD qablu mal-Kunisllier AC

44.10.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka, li hu mhux kontra tali gabbana, madankollu jħoss li l-Kunsill issa għandu jirrevedi l-pożizzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' tali talbiet, sakemm il-Kunsill għadu fil-ħin li jirrevedi tali pożizzjoni, qabel ma jibdew xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni, inkluż dak tal-GHRC.

44.10.4. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ "no objection" għat-talba tas-Sur McIntyre.

## 44.11 Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman

44.11.1. Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza tal-Ombudsman Każ Numru R 0137, fejn irrakkomanda li s-Sur Shaun Mizzi jingħata l-ħlas tad-danni sofferti fi Triq Kalafrana. Fl-istess waqt l-Ombudsman irrakkomanda li xogħol ta rikostruzzjoni għandu jibda immedjatament minn Transport Malta. Il-Kunsill qabel li s-Sur Mizzi jingħata l-ħlas kif rakkomandat, u fl-istess ħin jistenna li Transport Malta jibda x-xogħol immedjatament.

44.11.2. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-triq. Il-Kunsill qabel li m'għandux jinvolvi ruħu fil-manutenzjoni, ġaladarba Transport Malta għandha l-obbligu li tagħmel rikostruzzjoni immedjatament.

## 44.12 Triq il-Batterija

44.12.1. Is-Sindku tkellem dwar il-proposta li saret sabiex Triq il-Batterija ssir parkeġġ naħa waħda, u irrefera għad-disinn propost mill-Kunsillier SZ, kif mitlub mill-Kunsill.

44.12.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li l-ewwel għandha tintbagħat komunikazzjoni lir-residenti involuti, sabiex iressqu l-veduti tagħhom, qabel ma tittieħed deċiżjoni.

## 44.13 Offerti Pubbliċi

44.13.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-membri tal-Kamra.

44.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġew ippubblikati tlett offerti pubbliċi li huma Ġbir ta' Skart Domestiku Bieb Bieb, Ġbir ta' Skart Goff, u Servizz ta' Tipper Van.

44.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-ġranet li ġejjin ser ikunu ippubblikati l-offerti ta' Qtugħ ta' Ħaxix u Żamma taż-Żona Urbana, Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq kif approvat mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kif ukoll Servizz għaż-Żamma tal-Latrini Pubbliċi. Huwa informa li baqa' l-konferma tad-durata tal-Offerti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-aħħar żewġ offerti imsemmija.

44.13.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-bżonn li toħroġ il-Konċessjoni għal Armar ta' apparat fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

44.13.5. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li jrid jinħatar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li c-Chairperson ikun is-Sindku JC, filwaqt li l-Accountant, l-Avukat, u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill ikunu l-membri tal-Evalwazzjoni.

44.13.6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li xi xogħolijiet mingħand Polidano għadhom pendenti. Huwa nforma li jifhem li jrid ikun hemm qbil dwar ġurnata tax-xogħol, imma li bniedem iwiegħed u ma jwettaqx, mhuwiex ġustifikat.

44.13.6.1. Is-Sindku informa li dwar din il-materja, ser jieħu ħsieb ikellem direttament lis-Sur Charlie Polidano u dan sabiex ma jitħalliex xogħol pendenti bla bżonn.

## 44.14 Rapport Finanzjarju għas-Sena 2017

44.14.1. Is-Sindku JC ippreżenta r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2017 li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

44.14.2. Is-Segretarju informa li l-Kunsill kompla tejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu, u ser ikun dalwaqt f'pożizzjoni ta FSI indikatur pozittiv ta' iktar minn 10%.

44.14.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 44.15 Skema Proġetti Kapitali

44.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għadu qed jistenna d-dokument relatat mal-ħruġ tal-offerta tal-Proġett tad-dwal tal-Bajja s-Sabiħa. L-Inġinier Mario Galea ingħata l-inkarigu tax-xogħlijiet.

## 44.16 Street Lighting;

44.16.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm bżonn ta' installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq il-Kostituzzjoni qabel iddur għal fejn il-grawnd.

44.16.2. Is-Sindku irrimarka wkoll li hemm bżonn ta' stallazjonijiet ġodda fi Sqaq il-Giligejla u Sqaq li minn Triq l-Immakulata Kunċizzjoni jagħti għat-triq prinċipali.

44.16.3. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u l-Kunsillier SZ imorru fuq is-siti sabiex jevalwaw l-alternattivi.

## 44.17 Attivitajiet tal-Kunsill;

44.17.1. Is-Sindku JC fakkar fl-attivita' tal-Karnival organizzata mill-Kunsill, li ser tinżamm is-Sibt 10 ta' Frar 2018. Huwa informa li l-preparamenti tal-armar mexjin ġmielhom.

44.17.2. Il-Kunsilliera JBD tat aġġornament dwar il-programm. Hija infurmat li sabet diffikultajiet biex tagħlaq il-programm minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet li ser jinżammu fil-Belt Kapitali, u għalhekk kien diffiċli jinsabu parteċipanti.

44.17.3. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' Regatta f'Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel li jekk issir, għandha tiġi ppjanata għal Ġunju 2018.

44.17.4. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' Jum Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel li din issir fit-3 tmiem il-ġimgħa ta', possibilment il-Ħadd 16 ta'Settembru. Il-Kunsill qabel li iktar dettalji jiġu diskussi 'l quddiem.

44.17.5. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' Joys of Gospel. Il-Kunsill qabel li jekk issir, għandha tiġi ppjanata għas-16 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill qabel li din l-attivita tibqa' tal-Kunsill, u l-organizzazzjoni tagħha tibqa' f'idejn il-Kunsill.

## 44.18 Bye-Law – Karrijiet u Oġġetti ta' Ingombru;

44.18.1. Il-Kunsill għamel referenza għal bye-law ippubblikata f'lokalita' oħra, li tirregola karrijiet u oġġetti ta' ingombru, u kkunsidra li għandu jiddiskuti bye-law simili għal-lokalita' ta' Birżebbuga.

44.18.2. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess relevanti sabiex tali bye-law tiġi introdotta fil-Lokalita' ta' Birżebbuġa.

## 44.19 Sistema ta' Traffiku: Triq Sant'Anġlu

44.19.1. Il-Kunsillier SZ ressaq fuq il-mejda tal-Kamra abbozz ta' pjan ta' immaniġġjar ta' traffiku għaż-żona, li kien iċċirkolat qabel permezz ta e-mail.

44.19.2. Il-Kunsill qabel li tali proposta tiġi evalwata mill-membri tal-Kunsill, u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 44.20 Żieda fil-ħinijiet tax-xogħol - Skrivana

44.20.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem fuq il-materja.

44.20.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħol fl-uffiċċju kontinwament jiżdied u l-impjegati ma jlaħħqux max-xogħol. Huwa informa li matul dawn l-aħħar xhur, il-ħinijiet tal-iskrivana kellhom jiżdiedu sabiex ileħħqu mal-bżonnijiet tal-uffiċċju.

44.20.3. Il-Viċi Sindku JB informa li huwa jkun preżenti kulljum fl-uffiċju u jista jixhed dan.

44.20.4. Is-Sindku JC ippropona li l-post eżistenti ta' *Part-Time* għandu jiġi mibdul fuq bażi *full-time.* Huwa informa li l-iskrivana eżistenti dejjem għamlet l-għalmu tagħha u tat rizultati pożittivi, u għalhekk għandha tingħata l-opportunita'. Hu żied jgħid li l-spejjeż involuti mhux ser iħallu impatt negattiv fuq il-finanzi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jibda l-proċess relevanti.

## 44.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.21.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Marzu, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 12 ta' Marzu, 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |